### *Il-Qanpiena l-Ġdida taċ-Ċentinarju.*



L-isbaħ riġal li ngħata lill-komunita` tagħna f'din is-sena ċentinarja huwa bla dubju ta' xejn il-qanpiena l-kbira. Dan ir-riġal ngħata mill-koppja **Ġużeppi u Esther Vella, t-tnejn membri ta' l-Għaqda tagħna.**
Aħna ltqajna ma' Ġużeppi u tkellimna miegħu dwar x'ħajru jagħmel dan il-ġest hekk sabiħ. Ġużeppi, li huwa midħla sewwa tal-knisja, qalilna li madwar xi 20 sena ilu kienet ixxaqqet il-qanpiena l-kbira li hemm illum. Xi 10 snin ilu tniżżlet biex tissewwa ġewwa d-dockyard mis-Sur Ramiro Scicluna. Jidher iżda illi x-xogħol ma rnexxiex għax il-ħsara kienet laħqet kibret sewwa. Madwar sentejn ilu, hu, flimkien ma' Pawlu Pavia kienu fil-kampnar jirranġaw il-qniepen ta' l-arloġġ. Dak iż-żmien kienet qed tinżebagħ il-koppla minn Leli Mifsud u Kenneth Cauchi li huwa l-aġent tad-ditta Taylor f'Malta. Ġużeppi nqeda bl-okkażjoni sabiex ikellmu u talbu stima. Wara xahrejn waslet il-kwotazzjoni u avżajt lill-Arċipriet bl-intenzjoni tiegħu u sabiex jaħseb biex jagħmel ir-rikors. Wara sitt ġimgħat ir-rikors ġie approvat mill-Kurja.
Kien f'Novembru tal-2004 meta ġie ffirmat il-kuntratt mad-Ditta Taylor tar-Renju Unit. Tajjeb ngħidu wkoll illi f'dan iż-żmien il-koppja Vella ċċelebraw il-Ġublew tad-deheb taż-żwieġ tagħhom. F'Jannar ta' din is-sena beda x-xogħol fil-funderija tad-Ditta Taylor fir-Renju Unit. U fl-aħħar ta' Frar il-qanpiena l-ġdida kienet fonduta u nħarġet mill-funderija. Kien imiss it-tindif u l-aktar ħaġa importanti – l-intonazzjoni li hija B flat biex taqbel mal-qanpiena l-oħra "Antonia' li hija xogħol l-istess ditta.
Id-dijametru t'isfel tal-qanpiena huwa ta' 5 piedi u 8 pulzieri u nofs u hija għolja 5 piedi u 4 pulzieri filwaqt li tiżen 3 tunnellati u 30 kilo. Imqabbla ma' dik preżenti l-qanpiena l-ġdida hija 2 pulzieri usa u għandha 10 snin garanzija.
Tajjeb li ngħidu illi hija d-drawwa tad-Ditta Taylor illi l-qniepen ifonduhom 'flat top' bħalma hija l-Antonia, pero' l-ġdida ġiet ordnata bil-kuruna u mill-ewwel ritratti li rajna jidher li x-xogħol ħareġ sabiħ ħafna tant li anke l-istess ditta ħarġet sodisfatta ħafna.
Minn naħa tagħna nirringrazzjaw lill-koppja Vella ta' dan il-ġest hekk sabiħ u nobbli u j'Alla jkun hawn aktar nies ġenerużi bħalhom.